**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Numru: 15 / 2023**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Tarcisio Mifsud**

**<u>Illum, 20 ta' Lulju, 2023</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Tarcisio Mifsud detentur tal-karta tal-identita` numru 1065644 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Talli f'dawn il-Gzejjer, fil-perjodu bejn is-sena 1998 u s-sena 2003, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, irceva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor, jew ta' vantagg iehor, li ghalihom hu ma kellux jedd;

2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, bid-dieher jew bil-mohbi jew bil-mezz ta' persuna ohra, ha interess privat f'aggudikazzjoni, appalt, jew amministrazzjoni, sewwa jekk kellu ghal kollox jew f'parti t-trigija jew is-sorveljanza taghhom, kif ukoll jekk kellu din it-trigija jew sorveljanza fiz-zmien li l-aggudikazzjoni, l-appalt, jew l-amministrazzjoni nbdew;

3. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, ha interess privat f'affari li dwarha kien inkarigat jaghti ordnijiet, jaghmel likwidazzjonijiet, ragunamenti jew hlasijiet ta' kull xorta li jkunu;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 119 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitlu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 23B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet finalment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Dicembru, 2022, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat Tarcisio Mifsud hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u kwindi illiberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fis-16 ta' Jannar, 2023, fejn talab lil din il-Qorti joghogobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, abbazi tal-provi kollha prodotti tghaddi sabiex issib lill-appellat Tarcisio Mifsud hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tinfliggi l-piena skont il-ligi u fil-konfront tal-istess.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi l-esponent hassu aggravat bis-sentenza appellata u ghalhekk qieghed jipprezenta dawn iz-zewg aggravji li fl-umili fhema tal-esponent din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkunsidra u takkolji:

2. Fl-ewwel lok, l-esponent hassu aggravat meta l-Ewwel Qorti skartat kompletament ix-xhieda ta' George Farrugia ghal fatt illi din ix-xhieda ma giex kkoraborata ma provi ohra. It-tieni aggravju jirrelata fuq apprezzamrnt tal-provi illi fil-fhema tal-esponent mill-provi li prezentat il-prosekuzzjoni l-Ewwel Qorti kella ssib htija fl-akkuzi kollha addebitati lil Tracisju Mifsud;

**L-Ewwel Aggravju - Il-kredibilita tax-xhud George Farrugia:**

3. Illi l-Ewwel Qorti ikkonkludiet illi x-xhieda tax-xhud principali George Farrugia ma hix kredibbli ghaliex ma taqbilx ma dak li xehed l-imputat Tarcisio Mifsud. L-Ewwel Qorti iddecidiet illi ladarba l-prosekuzzjoni ma gabitx provi ohra cirkostanzjali allura x-xhieda ta' George Farrugia wahedha, specjalment meta ma

taqbilx ma dik tal-imputat Tarcisio Mifsid, ma tistax titqies kredibbli u li tissodisfa l-kriterji li kemm bzonn sabiex jigu pruvati l-akkuzi fil-livell li trid il-ligi;

4. Illi l-Ewwel Qorti tikkonkludi hekk fuq ix-xhieda ta' George Farrugia:

*"Illi hawnhekk taqa l-kredibilita' ta'dan ix-xhid. Il-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova tal-ebda telefonata bejn l-imputat u George Farrugia. Inoltre' ma gabet l-ebda prova li dawn it-tnejn kienu iltaqghu diversi drabi. Il-persuni li semma Farrugia u li ttellghu bhala xhieda lanqas biss gew mistoqsija sabiex jikkonfermaw dan il-fatt u lanqas huma ma semmew xejn"*

L-Ewwel Qorti tghid ukoll illi:

*"Illi kif diga' nghad aktar 'il fuq, wara li gew evalwati dawn il-kriterji thoss illi l-aktar verzjoni kredibbli hija dik tal-imputat Tarcisio Mifsud u dan in vista tal-fatt illi l-prosekuzzjoni bl-ebda moda ma gabet provi mod iehor li b'xi mod ixejnu tali verzjoni. Inoltre' kif inghad ukoll thoss illi l-verzjoni ta' George Farrugia kienet nieqsa minn elementi sufficjenti sabiex tigi meqjusa kredibbli";*

5. Illi l-esponent jirrileva illi mhux kull kunflitt ta' provi ghandu jwassal ghal liberazzjoni tal-imputat. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza il-**Pulizija vs Joseph Thorne** deciza fid-9 ta Lulju 2003 tghallem illi:

> *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hix ser temmnu jew ma temmnux';*

6. Illi l-artikolu 637 tal-Kodici kriminali li jghid illi:

*"[l]-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijietimsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz".*

7. Illi Ghalhekk, skont l-artikolu 637 tal-Kodici kriminali, dik il-Qorti li jkollha quddiema xhieda kunfliggenti trid tara l-imgieba tax-xhud meta jkun qieghed jiddeponi *viva voce*, il-konsistenza tax-xhieda tieghu u jekk l-Qorti thossx li dik ix-xhieda hija moralment konvincenti. Dan l-artikolu jghid ukoll illi mod iehor kif tigi emmnuta xhieda hija meta tkun imsahha minn xhieda ohra cirkostanzjali. Pero', il-fatt wahdu li xhieda ma tkunx imsahha b'xhieda ohra li tikkorabora ma jfissirx li ma ghandiex tigi emmnuta;

8. Illi fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali li jghid li

*"B'dan kollu, f'kull kaz, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar";*

9. Illi minn qari tal-artikolu 638(2) tal-Kodici kriminali jidher car illi xhud wiehed biss huwa bizejjed daqs li kieku hemm zewg xhieda jew aktar. L-importanti li jigi emmnut mill-Qorti. Pero', il-fatt biss li jkun xhud uniku, u xhieda tieghu ma hijiex issustanzjata bi provi ohra, ma jfissirx li allura x-xhieda tieghu ma ghandiex tigi emnuta;

10. Illi l-Qrati taghna kellhom diversi opportunitajiet jidhlu f'dan il-punt. Fil-fatt fis-sentenza , **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-

16 ta' Marzu 2001 tghallem illi "*xhud wiehed, jekk emnut sal-grad tal-konvinciment morali, huwa bizzejjed sabiex il-Qorti ssib u tiddikjara htija*".

11. Illi fis-sentenza **il-Pulizija vs Jesmond Saliba** (appell numru 409/2022) il-Qorti tghallem illi "*l-Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar*";

12. Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deciza fl-20 ta' Dicembru 2022 fl-ismijiet il-**Pulizija vs Joseph Camilleri u Norman Cilia La Corte** il-Qorti tghid illi "*[f]il-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu il-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-principju gie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat. Jigifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss*";

13. Dan il-punti kin ukoll spjegat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali fil-kawza **"l-Pulizija vs Kevin Turner** (376/2015), fejn il-Qorti tghallem illi "*l-principji regolaturi f'dawn ic-cirkostanzi huma ben stabbiliti fil-Ligi u fil-gurisprudenza taghna: mhux kull kunflitt ghandu necessarjament iwassal ghall-liberatorja ghaliex il-Qorti ghandha l-obbligu li tevalwa x-xhieda mghotija fid-dawl tal-provi kollha prodotti u tiddeciedi lil minn ghandha temmen u f'xiex. Fil-fatt skond l-artikolu 638 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ix-xhieda ta' xhud wiehed jekk emmnut hija bizzejjed u taghmel prova shiha u kompluta minghajr il-htiega ta' korroborazzjoni*";

14. Illi ghalhekk jidher illi kemm il-Kodici Kriminali kif ukoll il-Gurisprudenza tal-Qrati taghna tirrikonoxxi illi xhieda ta xhud wiehed biss hija sufficjenti sabiex tinstab htija, bil-kundizzjoni illi l-Qorti trid tkun moralment konvinta illi dik ix-xhieda hija vera. F'dan il-kaz il-Qorti ma kienitx konvinta mix-xhieda tax-xhud George Farrugia, pero', mhux ghax moralment ma emmnitux imma ghaliex ix-xhieda tieghu ma kienitx korraborata ma xhieda ohra cirkostanzjali u ma kienetx tikkorabora max-xhieda li ta l-imputaat stess Tarcisio Mifsud;

15. Illi mill-atti johrog car illi x-xhieda ta' George Farrugia baqa' konsistenti ma dak li kien huwa qal lil Pulizija wara li inghata l-proklama. Fix-xhieda tal-Ispettur Angelo Gafa (illum Kumissarju) tas-7 ta' Marzu 2013 jghid illi dak li kien qalilhom George Farrugia jikkorabora ma dak li rrizulta mill-investigazzjoni. Fil-fatt dak li qal Farrugia illi l-ewwel darba li l-Enemalta xtrat iz-zejt minnghand it-'Total' kienet konsenja ta' 20,000 tunnellata gas oil li kienu mahzuna Has-Saptan gie ikkoraborat ukoll mad-dokumenti li gew investigati waqt l-investigazzjoni. F'din id-dokumentazzjoni irrizulta mill-minuti tal-laqgha tal-*Fuel Procurement Commitee* (numru 370) tad-19 ta' Awissu 1999 illi x-xirja taz-zejt kienet qeghda ssir b'rizultat ta' azzjoni industrijali tal-GWU '*against vesseles loading products to and from Enemalta*'. Irrizulta wkoll dak li qal Farrugia illi wara dan l-avvenimenti l-kumpanija Total bidet tiehu tenders ohra tax-xiri taz-zejt minghand l-enemalta.

16. Illi ix-xhieda ta' Farrugia tibqa dejjem konsistenti anki fil-Qorti. Fil-fatt dak kollu li George Farrugia irrakonta l-Kummissarju tal-Pulzija dwar il-kaz (ara xhieda tal-Ispettur Angelo Gafa a fol 23 sa 42 tal-process) jikkorabbora perfettement ma dak li xehed l-istess Farrugia fis-seduta tal-6 ta Gunju 2013 (ara fol. 884-900 tal-process). Ix-xhieda li ta Farrugia l-Qorti tikkorabora wkoll mal-konfront li kellu Farrugia ma Tarcisio Mifsud liema konfornt jinsab esebit in atti bejn fol (2035-2102). Dan kollu juri l-konsistenza tax-xhieda ta' George Farrugia u li minkejja li iddepona diversi

drabi dejjem zamm ma l-istess fatti u li ghalhekk fil-fehma tal-esponenti l-Ewwel Qorti kellha ssib li dan ix-xhud kien wiehed kredibbli;

17. Illi ghal kuntrarju ta' dan, hija difficli illi x-xhieda ta' Tarcisio Mifsud titwemmen jew li tigi iddikjarata bhala l-aktar kredibbli. Meta sar il-konfront bejn George Farrugia u Tarcisio Mifsud, dan ta' l-ahhar innega li qatt iltaqa ma George Farrrugia. F'fol 2039 tal-process li hija parti mill-istqarrija ta Tarcisio Mifsud, jghid li ma ghandux rikonoxximent ta' George Farrugia. Jghid ukoll li ma kienx jaf li kien George Farrugia kien jirraprezenta 'Total'. Hija ferm difficli li titwemmen illi l-Financial Manager tal-Enemalta jghid li ma jafx minn hu Farrugia u li qatt ma iltaqa mar-rapprezentant tal-kumpanija 'Total' li kienet il-kumpanija li tissuplixxi iz-zejt lill-Enemalta ghal diversi snin, specjalment meta s-suq tal-bejgh taz-zejt li huwa suq zghir hafna;

18. Illi ghalhekk, fil-fhema tal-esponet, ix-xhieda ta' Georga Farrugia hija aktar konsistenti minn dik ta' Tarcisio Mifsud u ghalhekk ix-xhieda ta' George Farrugia ghandha titqies bhala li ghandha mis-sewwa u hija l-verita';

**It-Tieni aggravju - Apprezzament hazin tal-provi:**

19. Illi fl-umili fhema tal-esponent, meta l-Ewwel Qorti rat il-provi kollha li prezentat il-prosekuzzjoni, kellha tasal sabiex issib htija fl-imputat ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u dan ghas-segwenti ragunijiet;

20. Illi r-reat principali li huwa akkuzat bih Tarcsju Mifsud huwa dak tal-korruzzjoni hekk kif sancit fl-artikolu 115 tal-Kodici Kriminali. Sabiex dan ir-reat jissussiti hemm bzonn li jigu pruvati tliet elementi. Il-Qorti tal-Appell kriminali fil-kawza **il-Pulizija vs Giuseppe Maria Cini** deciza fit-23 ta' Jannar 2014 (appell numru 455/2012), timxi mal-elementi sabbiliti fil-Gurisprudenza taghna u tghallem illi l-

elementi huma erbgha, l-ewwel illi minn jikkommetti r-reat irid ikun ufficjal pubbliku jew impjegat mal-Gvern. It-tieni, illi dan l-ufficjal ikun esiga xi jedd inkluz rigal li strettament seta' anki kien dovut lilu. It-tielet illi din it-talba jew pretiza ssir taht il-kappa tal-kariga tieghu. Ir-raba', li l-pretiza tkun illegali jew kontra il-ligi;

21. Illi fir-rigward tal-ewwel rekwizit, dak li l-persuna li tkun ghamlet ir-reat trid tkun ufficjal pubbliku, l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha (pagna 16 tas-sentenza) tghid illi "*mill-provi prodotti hareg car illi l-imputat kien impegat tal-Korporazzjoni Enemalta fiz-zmien meta twettaq l-allegat reat, liema Korporazzjoni kienet imwaqfa bil-ligi u kienet Korporazzjoni tal-Gvern. Ghalhekk l-ewwel rekwizit huwa sodisfatt*". L-esponent jaqbel ma dak dikjarat u deciz mill-Ewwel Qorti illi Tracisju Mifsud huwa ufficjal pubbliki ai temini tal-Artikolu 115 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk l-ewwel rekwizit tal-artikolu 115 huwa sodisfatt;

22. Illi fir-rigward tat-tieni rekwizit, li l-ufficjal ikun esiga xi jedd inkluz rigal li strettament seta' anki kien dovut lilu, l-Ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni illi ladarba l-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova tal-ebda telefonata bejn Tarcisio Mifsud u George Farrugia, u lanqas ma gabet prova illi dawn it-tnejn kienu iltaqu diversi drabi, allura dan l-element tar-reat ma giex pruvat. L-esponent b'rispett u umilta jirrileva illi ma jaqbilx ma din il-konkluzjoni ghas-segwenti ragunijiet:

23. Illi l-esponent jinsisti illi x-xhieda tax-xhud George Farrugia ghandha tigi kkunsidrata bhala veritiera u dan ghall-isess argumenti li gew prezentati fl-ewwel aggravju ta' dan l-appell. Ix-xhud George Farrugia jghid illi meta kien hemm l-istrike tal-GWU, kien Alfred Mallia li saqsieh jekk it-'Total' humiex interresati jbieghu zejt lil Enemalta u Alfred Mallia qallu illi illi biex isir ix-xoghol irid jahseb fih u li hu ma kienx wahdu. Kien meta Alfred Mallia spicca l-isptar illi George Farrugia ftiehem ma Tarcisio Mifsid fejn Mifsud qal lil Farrugia illi l-flus li kien jaghti lil Mallia issa jrid itijhom lilu u li kien ser jaqsam dawn il-flus ma Alfred

Mallia. Hawn ir-reat sar meta l-ufficjal pubbliku, hawn ghandna lil Alfred Mallia kif ukoll lill Tracisjo Mifsud, talbu ircivew u accettaw il-weghda jew rigal ghalijhom kif ukoll ghal haddiehor;

24. Illi l-Professur Mamo jghallem illi "*it is essential that the corruption should take the form of this acceptance of gifts or rewards or the promise or offer of gifts or rewards whatever their kind and whatever thier value provided they represent some advantage*". Fis-sentenza **Pulizija vs Nicholas Dimech** deciza fit-23 Lulju 2019 il-Qorti tal-Appell kriminali ghalmet illi "*jigi rilevat li t-talba ta' xi rigal kienet giet introdotta fl-Artikolu 115 permezz tal-emendi li dahlu fis-sehh permezz tal-Att numru III tas-sena 2002. Illi permezz ta' tali emendi il-kliem "jircevi jew jaccetta" kienu gew sostitwiti bil-kliem "jitlob, jircevi jew jaccetta"*. Dan jimplika illi l-legislatur ried li dan ir-reat jinkludi wkoll kull azzjoni ta' ufficjal pubbliku li jitlob jew jaccetta offerta ghalieh jew ghal haddiehor li ghalija ma jkollux jedd. Dan ir-rigal irid ikun vantagguz ghal min jircevieh;

25. Illi f'dan il-kaz, kien Alfred Mallia illi talab lil George Farrugia rigal kemm ghalieh kif ukoll ghal Tracisju Mifsud. Meta Alfred Mallia kien rikoverat l-isptar imbaghad kien Tarcisio Mifsud li allegatament talab lil George Farrugia rigal kemm ghalieh kif ukoll ghal Alfred Mallia. Dan jimplika illi anki dan l-element, huwa pruvat ukoll.

26. Illi rigward it-tielet element li l-weghda ghandha tkun relatata max-xoghol tal-ufficjal pubbliku. F'dan il-kaz, Tarcisio Mifsid kien ufficjal tal-Enemalta u kien fil-*Procurment Board*. Il-weghda jew offerta kienet bhala kumpens li allegatament kemm Alfred Mallia kif ukoll Tarcisio Mifsud hadu ghal kull tender li rebhet it-'Total' hekk kif rapprezentata minn George Farrugia. Huwa minnu dak li qal kemm Mifsud kif ukoll Farrugia illi hafna drabi it-tender kien xorta ser jirbhu Farrugia. Pero, dan ma jfissirx li r-reat ma jkunx sar. Ladarba kien hemm it-talba u kien hemm offerta li ghalijha l-ufficjal pubbliku ma jkollux jedd, u din gie accettata, ir-reat ikun

sar u f'dan il-kaz Tarcisio Mifsud kien allegatament qiegħed jitlob u jaccetta din il-weghda fil-vesti tieghu ta' ufficjal pubbliku bhala *Financial Controler* tal-Enemalta;

27. Illi fir-rigward tar-raba' element ta dan ir-reat, huwa evidenti illi l-ammont li Tarcisio Mifsud allegatament kien qieghed jitlob lil Farrugia kien vantagg li huwa ma kellux jedd ghalieh;

28. Illi ladarba l-elementi tar-reat tal-korruzzjoni jezistu, bhala konsegwenza hemm ukoll pruvati it-tieni u t-tielet akkuza;

**Ikkunsidrat,**

Din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tibda mill-ewwel tghid illi l-appell tal-Avukat Generali hu bbazat fuq il-kredibbilta' tax-xhud George Farrugia u l-apprezzament zbaljat tal-provi mill-ewwel Qorti. Kif ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizja vs Julian Genovese**:[1] '

> *hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk***

[1] Deciza 31 ta Lulju, 2008. Appell Numru 141/2008.

***dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[2]" [12.5.94]; "**Ir-Repubbblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[3]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[4]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[5]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawza "**R. v. Cooper**[6]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as*

---

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[6] 1969] 1 QB 276.

*to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[7]

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,**[8] inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li **tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

Din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu *viva voce* kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

---

[7] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.
[8] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru,1994.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. **Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha, tasal b'mod "safe and satisfactory" ghall-konkluzzjoni ta' htija."**

Huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati **oltre kull dubju dettat mir-raguni.** Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,**[9] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, **dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati.** Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Gudikant ghandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[10]

---

[9] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.

[10] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

Illi ghalhekk m'hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq il-kredibbilita` tax-xhieda u dan billi din il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

**Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.** Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**:[11] "*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika*". Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[12] b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs. R** [13] jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.[14]

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza cirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' htija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konkluzjoni wahda

---

[12] 1997 Edition Para 10-3.
[13] 1952.
[14] moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar, 1998.

u xejn hliefha. Altrimenti, jekk ic-cirkostanzi jaghtu lok ghal aktar minn konkluzjoni wahda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib htija.

**Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali** jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju gie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[15] Jigifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.

In oltre kif gie ritenut mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Thorne</u>**,[16] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha.

**<u>F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru l-verita' storika</u>**; u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun

---

[15] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[16] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono

veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Il-Qorti f'dan il-kaz hija rinfaccjata b'verzjonijiet kunflingenti, dik esposta mill-prosekuzzjoni li tinsisti li l-appellat huwa hati tar-reati li huwa jinsab rinfaccat bihom u dik proposta mid-difiza li George Farrugia, li fuqu qedgha principarjament isserrah il-kaz taghha l-prosekuzzjoni, assolutament mhux kredibbli. Din il-Qorti ser tghaddi issa sabiex taghmel ezercizzju fejn sejra tezamina fid-dettal il-provi mressqa quddiem l-ewwel Qorti.

**L-Ispettur (illum Kummissarju) Angelo Gafa**[17] xehed nhar is-7 ta' Marzu, 2013 fejn spjega illi dan il-kaz beda nhar l-20 ta' Jannar, 2013 meta l-*MaltaToday* ippublikat artikolu dwar l-allegat kaz ta' korruzzjoni fix-xiri taz-zejt mill-Enemalta u dan b'referenza ghal Frank Sammut li dak iz-zmien kien membru fuq kumitat li allegatament kien qed jircievi *commissions* minghand kumpanija taz-zejt, Trafigura. Il-Pulizija nterrogat diversi persuni fosthom lil Frank Sammut u lil Tancred Tabone li kien *chairman* bejn Gunju 2003 u Gunju 2005. Sammut kien konsulent tieghu bejn Gunju 2003 u Gunju 2004. Il-*fuel procurement committee* xoghlu kien li jiehu decizjonijiet fuq xiri ta' zejt u dan wara li jkun harget *call for tender* fejn jigu nvitati kumpaniji biex jissottomettu l-offerti taghhom. Kien gie mitkellem l-agent ta' Trafigura f' Malta, certu George Farrugia. Dan tal-ahhar kien ukoll agent ta' kumpanija ohra taz-zejt bl-isem

---

[17] Fol. 23 et seq tal-process.

Total. Iz-zewg kumpaniji kienu jiehdu kuntratti minghand l-Enemalta sabiex ifornuha b'zejt skond il-kaz li jkun.

Nhar l-10 ta' Frar, 2013, George Farrugia inghata proklama mill-President u permezz taghha gie ezentat li jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghu diment li jghid il-verita' u jrodd lura dak li hu akkwista permezz ta' reat. Hu spjega kif Alfred Mallia bhala l-*head tal-petroleum division* kien ghenu sabiex jaghmel *storage agreements* bejn l-Enemalta u Total jew sussidjarji taghha, izda Mallia talab *commissions* minghand Farrugia ghal dawn l-*agreements*. Kien jghaddilu dawn il-*commissions* kwazi kull xahar izda ammont fiss ma kienx hemm. F'1999 it-Total kellha mahzuna 20,000 tunnellata *gas oil* gewwa l-Enemalta f'Hal Saptan u dak iz-zmien l-Enemalta kienet qieghda ssofri nuqqas tal-prodott minhabba *strike*. Alfred Mallia kien saqsa lil Farrugia sabiex jaghmel kuntatt mat-Total halli jara jekk dawk kienux interessati jbieghu dan il-*gas oil* li kellhom mahzun lil Enemalta ghaliex kellha bzonn b'mod urgenti. Irrizulta li Mallia kien anke avvicina kumpanija ohra wkoll bl-isem ta' Tempo Trade sabiex tkellem lit-Total ukoll. Farrugia kien ikkonfronta lil Mallia u dan kien qallu li lest li jixtri minghand it-Total tramite hu izda qallu dan il-kliem: "Trid tahseb fija, u mhux qieghed wahdi." Dak iz-zmien ma kienx jaf ghal min Mallia kien qed jirreferi, izda maz-zmien irrizulta li Mallia kien qieghed jirreferi ghal *head of finance* tal-Enemalta, Tarcisio Mifsud. Il-bejgh ta' 20,000 gas oil minghand it-Total ghal ghand l-Enemalta kien sar u Farrugia inghata *commision* ta' $1.50c fuq kull tunnellata. Farrugia sussegwentament ghadda terz ta' din il-*commission* lil Alfred Mallia u ghalhekk dan tal-ahhar ircieva $10,000.

Minn hemm il-quddiem it-Total bdiet tittenderja ghall-offerti tal-Enemalta u kienet hadet madwar zewg terzi tat-tenders li hija dahlet ghalihom. Ghal kull tender mirbuh, hu kien ihallas *commission* lil Mallia, sakemm dan tal-ahhar kellu accident tat-traffiku u kien dam barra mix-xoghol ghal zmien twil. Farrugia kien mar jara l-Mallia l-isptar u dan tal-ahhar kien qallu li l-appellat xtaq ikellmu. Farrugia kien mar ikellmu u kien

qallu 'Dak li kont taghti lil Mallia trid tibda taghtih lili.' Kien f'dan il-mument li Farrugia nduna li Mallia kien qed jirreferi ghal Mifsud meta kien qallu m'inhiex wahdi. L-appellat kien qallu li kien ser jiehu hsieb jaqsam li jtih hu ma Mallia. Farrugia qal li kien jghaddi *commissions* kemm lil Mallia u sussegwentament lil Mifsud. Hu kien jircievi dollaru *commission* fuq kull tunnellata u $0.50 kien jghaddiha l-ewwel lil Mallia u wara lil Mifsud li kienu jaqsmuhom bejniethom.

Farrugia spjega li kien ihallas dawn il-*commissions* mhux sabiex jirbah it-tenders izda sabiex jiehu dak li haqqu ghaliex kien qalilhom li jekk ma jhallasx ma jirbah xejn. Kull meta t-Total hadet it-tenders, haduhom ghax kienu l-iktar kompetitivi. Farrugia sahansitra qal li gili hallas il-flus u ma hax tenders li kien haqqu. Darba minnhom Farrugia kien qal li Mifsud ried ikellmu u mar l-ufficju tieghu b'envelope bi Lm3,000. Mifsud ha dan l-envelope u dahhlu fil-glekk u qallu li dik id-darba ma kellux cans u 'Ahjar hekk, halli ma naghtux fil-ghajn.' Darba minnhom Mallia kien qal lil Farrugia li l-appellat kien iffirma kuntratt ghal xiri ta' *fuel oil* mal-Enel minghajr ebda *call for tender.*

Minn investigazzjonijiet li ghamlet il-pulizija irrizulta illi kif kien qal Farrugia l-20,000 tunnellata li nbieghet mit-Total lil Enemalta kienet mahzuna f'Hal-Saptan. Dan l-*ispot agreement* kien gie deciz waqt laqgha tal-*fuel procurement committee* numru 370, datata 19 t' Awwissu, 1999 fejn kien inghad li din ix-xirja kienet qeghda issehh minhabba '*industrial action going on by the General Workers Union against vessels loading products to and from Enemalta*.' Ghalhekk dan qabel ma li kien qalilhom Farrugia wkoll. Gie wkoll ikkonfermat mill-pulizija li Mallia kien ghamel madwar tmien xhur barra mix-xoghol minhabba incident stradali.

F'25 ta' Frar, 2013, il-pulizija kienet arrestat lil Tarcisio Mifsud. Ix-xhud jghid illi l-imputat dejjem innega l-involviment tieghu ma' George Farrugia, hu qal li lanqas ma kien jafu u dan anke wara li kien sarlu konfront mal-istess. Ghar-rigward tal-kuntratt

li kien iffirma mal-Enel jghid li hu ma ghamilx xi haga hazina anzi ghamel pjacir lil Malta.

In kontro-ezami hu jghid illi qabel ix-xirja ta' 1999 meta kien hemm l-*strike* tal-*union*, l-appellat ma jinkwadrax. Ikkonferma illi talab xi minuti mill-Enemalta u ma tawomlux. Ikkonferma wkoll illi fl-2003, Farrugia waqaf jghaddi flus lil Mifsud u minflok beda jghaddihom lil Tancred Tabone bhala *Chairman* tal-Enemalta. Bejn 1999 u 2003 kien hemm xirjiet ohra minghand it-Total u/jew Elf Trading u/jew Totsa lil Enemalta. Mistoqsi gewx mitkellma l-staff tal-appellat, hu wiegeb fin-negattiv.

Fl-istqarrija tieghu datata is-26 ta' Frar 2013 l-appellat **Tarcisio Mifsud**[18] ikkonferma li l-gurnata ta'qabel kien gie nterrogat mill-Kummissarju tal-Pulizija fil-prezenza tal-Ispettur Angelo Gafa' u s-Supretendent Paul Vassallo. Hu nnega li hu qatt ircieva xi *commissions* fi zmien li kien l-Enemalta. Ikkonferma li bejn l-1998 u 2003 hu kien jifforma parti mill-*Fuel Procurement Committee.* Dwar l-allegazzjonijiet ta' Farrugia fejn sahansitra qal li kien ghaddilu €3,000, l-appellat qal li ma kienx minnu u kien lest ifittxu ghal malafama.

**Is-Supretendent Paul Vassallo**[19] xehed nhar il-21 ta' Marzu, 2013 fejn qal li kien assista lill-Ispettur Angelo Gafa' fl-arrest tal-appellat li kien qed jigi nvestigat li rcieva xi flejjes sabiex jigi preferit *dealer* fil-qasam tax-xiri taz-zejt fl-Enemalta. Hu kien prezenti fl-ufficju tal-Kummisarju meta ttihdet stqarrija lill-appellat. Ix-xhud gharaf id-dikjarazzjoni ta' rifjut ghal jedd tal-parir legali, it-*tapes* tal-istqarrijiet u l-istqarrija a fol. 49 li ttiehdet nhar is-26 ta' Frar, fejn prezenti kien hemm hu, l-Ispettur Gafa' u l-appellat.

---

[18] Fol. 49 et seq tal-process.
[19] Fol. 56 et seq tal-process.

**Joseph Saliba**[20] xehed nhar il-21 ta' Marzu, 2013 in rapprezentanza tal-ETC. Hu pprezenta *employment history* t'Alfred Mallia u Tarcisio Mifsud li gew esebiti bhala Dok JS1 u JS2. Gie kkonfermat illi t-termini *'cleaning eng'* u *'cleaning termination'* ma jirreferux ghall-ingagg jew it-terminazzjoni tal-impjieg izda d-dati skond kif ikunu dahlu l-ETC. Minn Dok JS1 jirrizulta illi l-appellat gie ngaggat mal-Enemalta nhar it-18 ta' Novembru, 1974 u l-impjieg tieghu gie tterminat nhar id-29 ta' Novembru, 2005.

**Anthony Bonello**[21] xehed nhar il-21 ta' Marzu, 2013 bhala *Executive Head, Corporate Services Enemalta*. Dok AB1 juri l-*employment history* tal-appellat mill-Enemalta fosthom li nhar it-28 t' Ottubru, 1974 kien offrut il-pozizzjoni t'*accountant*; nhar is-27 t' Ottubru, 1984 gie mahtur *financial controller* u nhar it-30 ta' Novembru, 2005 gie tterminat l-impjieg tieghu. Dok AB2 juri id-dettalji fosthom il-karta tal-identita' tal-appellat. Il-minuti tal-*Fuel Procurement Committee* mill-1998 sa 2003 gew ukoll ipprezentati minn dan ix-xhud. F'dawn il-laqghat kien ikun hemm prezenti il-*Finance Manager* u l-*Manager Petroleum*. Meta dan tal-ahhar kien ikun assenti kien ikun hemm l-*Assistant Manager Petroleum*. Dak iz-zmien il-*Finance Manager* kien l-appellat. Ix-xhud qal li kien hemm xi dokumenti neqsin u li ma nstabux. Id-dokumenti tas-sena 2001 ma nstabux u lanqas il-minuti ta' bejn 387 u 400. Minuti ohra neqsin igibu n-numru 406.

Ix-xhud Anthony Bonello[22] xehed ukoll nhar id-9 ta' Jannar, 2014 fejn mistoqsi dwar id-dokumenti li gew mitluba lill-Enemalta u ma nstabux, hu spjega illi ma jista' jghid xejn fuq id-dokumenti li ma nstabux ghax ma jistax jghid kienux hemm jew le ghax hu ma kienx prezenti. Hu jghid li ma jafx kienux avvicinati l-membri tal-bord meta dawn id-dokumnenti ma nstabux. Jghid li ma jafx min kienu jkunu l-membri tal-*Fuel Procurement Committee*.

---

[20] Fol. 58 et seq tal-process.
[21] Fol. 64 et seq tal-process.
[22] Fol. 1145 et seq tal-process.

**Antoine Galea**[23] xehed nhar il-21 ta' Marzu, 2013 fejn qal li jokkupa l-kariga ta' *Executive Head, Finance* fi hdan l-Enemalta. Hu esebixxa l-kuntratti kollha li saru bejn l-Enemalta u t-Total u/jew is-sussidjarji taghha bejn l-1988 u 2003. Hu pprezenta lista li tipprovdi d-dettalji kollha tal-kuntratti li saru f'dan il-perjodu flimkien ma' dokumenti ohrajn. Hu ghamel referenza ghal kuntratt tal-Enel mal-Enemalta u jghid li fil-*Fuel and Procurement Committee* ma kienx hemm referenza ghal dan u jidher illi x-xiri seta' kien qed jigi mgedded fuq l-istruzzjonijiet li kellu f'2001. Fix-xhieda tieghu ghamel ukoll referenza ghal *Fuel Procurement Committee* meeting number 370 fejn kien inxtara xi *fuel oil* minn l-Enemalta minghand it-Total fi zmien meta kien hemm strike.

**Dr Martin Bajada**[24] xehed nhar id-29 t' April, 2013 fejn qal li kien gie nominat sabiex jikkonverti zewg *audio casettes* b'format digitali u jaghmel it-trascripts taghhom. Hu pprezenta l-*audio casettes* izda kien fadallu jaghmel it-transcripts.

Dr Martin Bajada[25] rega' xehed nhar it-3 t' April, 2014 fejn pprezenta it-transcript tal-istqarrija ta' Mifsud. In breve f'din l-istqarrija Mifsud ikkonferma li kien *financial controller* fi hdan l-Enemalta u li anke kien jaghmel parti mill-*Fuel Procurement Committee*. Mifsud innega li qatt ha xi *commission* u li kien jaf lil George Farrugia.

**PC 499 Ismael Buhagiar**[26] xehed nhar id-29 t' April, 2013 fejn spjega l-involviment tieghu fl-arrest tal-appellat. Mir-residenza tal-appellat gew elevati kompjuter, *external hard disk u pendrive.* Wara li nghatalu d-dritt tal-avukat, l-appellat irrifjutah u hu gharaf id-dokument tar-rifjut u l-firma tieghu.

---

[23] Fol. 414 et seq tal-process.
[24] Fol. 817 et seq tal-process.
[25] Fol. 2030 et seq tal-process
[26] Fol. 825 et seq tal-process.

**PS 424 Elton Buckingam**[27] xehed nhar id-29 t' April, 2013 fejn muri xi dokumenti fl-atti hu kkonferma li huma ricevuti li jinhargu meta jingieb apparat fis-sezzjoni taghhom. Hu kkonferma li rcieva l-*equipment* u hareg tlett ricevuti. L-affarijiet gew mghoddija lilu fil-prezenza tal-appellat Mifsud.

**Romould Attard**[28] ghan-nom tal-Bank BOV u **Audrey Ghigo**[29]ghan-nom tal-Bank HSBC xehedu nhar id-29 t' April, 2013 fejn pprezentaw statement tal-kontijiet li kellu maghhom l-appellat.

**David Galea**[30] ghan-nom tal-Bank APS Bank Limited u **Jeanette Lepre**[31] ghan-nom tal-Lombard Bank xehedu li ma nstabu l-ebda kontijiet f'isem l-appellat u anqas ma terzi.

**L-Ispettur Timothy Zammit**[32] xehed nhar is-6 ta' Gunju, 2013 fejn spjega li kienu ghadhom ma gewx konkluzi l-investigazzjonijiet taghhom u ghalhekk il-Qorti allokat terminu ta' xahar sabiex jigi espletat l-inkarigu lilu moghti mill-Qorti.

**George Farrugia**[33] xehed nhar is-6 ta' Gunju, 2013 fejn qal li kien ilu jipprova jidhol fis-settur izda dejjem sab il-bibien maghluqa sakemm darba kien hemm *strike* tal-port f'1999 u t-Total kellhom hazna diesel Has-Saptan. Hu spjega illi t-Total kienet kumpanija li ghaliha hu kien agent. Din il-kumpanija kienet tahzen id-diesel Malta u kienet tbiegh il-kumpaniji tal-*bunkering*, tahzen Malta u terga' tesporta x-xoghol. Fiz-zmien l-istrike, it-Total kellha madwar 20,000 tunnellata mahzuna f' Malta u Alfred Mallia kien avvicinah sabiex jara jekk kinitx tbiegh dan l-ammont lill-Enemalta. Hu

[27] Fol. 827 et seq tal-process.
[28] Fol. 829 et seq tal-process.
[29] Fol. 855 et seq tal-process.
[30] Fol. 872 et seq tal-process.
[31] Fol. 874 et seq tal-process.
[32] Fol. 880 et seq tal-process.
[33] Fol. 884 et seq tal-process.

spjega li kien kellem lit-Total u kienu qalulu li kienu diga' qed jitkellmu ma' xi hadd sabiex jinbiegh il-prodott lill-Enemalta. Hu kien rega' tkellem ma' Mallia u dan tal-ahhar kien qallu li sabiex isir ix-xoghol kellu jahseb fih u li hu ma kienx wahdu. Farrugia tenna li ma kienx jaf min kienet il-persuna l-ohra. Sussegwentament it-Total bdew jidhlu ghat-*tenders* u Mallia dejjem kien jistaqsih sabiex ihallsu. Mallia mbghad kellu incident stradali u kien qed jigi rikoverat fl-isptar u dan tal-ahhar kien qallu sabiex jitkellem ma' Tarcisio Mifsud. Hu kien mar ikellem lil Mifsud u kien qallu sabiex jibda jkellem lilu u dak li kien jghaddi lil Mallia issa jghaddih lilu u jiehu hsieb hu. Xehed li bilfors kellu jhallas inkella kien jispicca jinqata' barra u dan minn dak li kien jifhem hu. Farrugia jghid illi jahseb li kien hemm it-theddid li jekk ma jhallasx iwaqqghu l-kuntratti. B'referenza ghal Mallia, jghid li dan kien il-*Head of Petroleum* tal-Enemalta dak iz-zmien. Spjega li hu kien jithallas minghand it-Total *per metric ton* fuq is-*shipments* li kienu jsiru. Wara li jithallas kien imur ghand Mallia d-dar jew l-ufficju u jtih il-flus. Hu tenna illi d-diskors kien li jrid itihom nofs li jaqla. Hu gieli kien jaghmel hekk u gieli kien jaqbez xi pagamenti wkoll. Spjega kif darba kien cempillu Mifsud biex itih pagament ta' xi *shipments* u hu kien mar l-ufficju tieghu b'envelop li go fih kien hemm Lm3,000 u poggijomlu fuq il-mejda. Mifsud dahhal dan l-envelop fil-glekk u qallu li t-*tender* li jmiss ma kellux cans. Ix-xhud saqsa lil Mifsud jekk hu jkun l-ahjar f'tender, jekk xorta ma kellux cans u dan wiegbu li jkun ahjar hekk. Lil Mifsud il-flus dejjem ghaddijhomlu gewwa l-ufficju tieghu fil-*Head Office* tal-Enemalta fil-Marsa. Hu jghid li lil Mallia u Mifsud ghaddilhom madwar Lm40,000 bejniethom. Hu jghid li ma kienx jaf li Mallia kien qed jaqsam ma' Mifsud. Meta hu kien mar ghand is-Sur Mifsud mbaghad kien qallu 'Issa lis-Sur Mallia niehu hsiebu jien.' Tenna li hu baqa' jghaddi l-flus lil Mifsud ghalkemm beda jnaqqas, mbaghad lahaq *Chairman* Tancred Tabone u kien qallu sabiex jieqaf jghaddilu l-flus. Izda mbghad irrizulta li riedu l-flus Tabone u Frank Sammut. Jghid li meta kien imur jghaddi l-flus lil Mifsud hadd iehor ma kien ikun hemm prezenti. Spjega illi mhux minnu li l-appellat qatt ma kien iltaqgha mieghu u dan kif kien qal l-appellat stess. Hu jghid li darba ltaqgha mieghu u prezenti kien

hemm mic-Chairman, il-Profs Girlando u darba ohra Frank Sammut u anke Mallia. Ghalhekk hu tenna li ltaqgha mal-appellat diversi drabi.

In kontro-ezami hu jghid li hutu, fosthom Salvu u Raymond li kienu jafu li hu kien qed jghaddi l-flus lil Mallia. Hu jghid li kien iddiskuta dan ma hutu *f'board meeting* qabel mexxa u prezenti kien hemm l-ahwa kollha. Dan il-*board meeting* kien sar qabel l-*istrike.* Hu jghid li kien ihallas affarijiet zghar fuq *storage* qabel u dejjem lil Mallia. Stqarr li lil Mallia jafu sew mhux kif kien jaf lil Mifsud, sahansitra kien tah il-karozzi tat-tieg tat-tifla b'xejn. Ma jiftakarx ezatt kemm kien ghaddilu flus lil Mifsud izda bejn wiehed u iehor mill-incident stradali ta' Mallia sa meta lahaq chairman Tabone. Spjega li Mifsud kien icempillu waqt il-hinijiet tal-ufficju u jghidlu sabiex jghaddi hdejh. Meta ghaddielu l-flus dejjem wahdu kien ikun. Mistoqsi li fil-verita' hu ma kellu relazzjoni tajba xejn mal-appellat minhabba xoghol hu wiegeb fl-affermattiv. Hu jiftakar dwar il-kuntratt li kien hadem fuqu l-appellat Mifsud meta l-Enemalta xtrat minghand l-Enel u Farrugia stqarr li ma kienx ha gost dwar dan. Hu kkonferma li kien hemm certu decizjonijiet li kien jiehu Mifsud li hu ma kienx jiehu pjacir bihom. Mistoqsi jekk inizjalment l-issue ma kinitx is-sur Mifsud, hu kkonferma dan.

**<u>Dr Claudette Fenech</u>**[34] xehdet nhar it-18 ta' Lulju 2013 u pprezentat il-file kollu tal-kumpanija Power Plan Limited (C 18322).

**<u>John Rizzo</u>**[35] xehed nhar id-9 ta' Jannar, 2014 fejn qal li jiftakar li dan il-kaz jaf il-bidu tieghu f' Jannar ghax kien hemm artikolu fil-*Maltatoday* u kien fetah investigazzjoni dwaru. Jiftakar li certu George Farrugia kien inghata proklama u sussegwentament kien ta x-xhieda tieghu fit-tul lill-Pulizija u kienet giet irrekordjata. Jiftakar li kien gie nterrogat l-appellat u li anke nnega dak kollu li kien qal Farrugia.

---

[34] Fol. 912 et seq tal-process.
[35] Fol. 1135 et seq tal-process.

In kontro-ezami qal li ma kienux lahqu kellmu lil hut Farrugia izda kienu fil-process sabiex igibuhom. Fil-kors tal-investigazzjoni hu spjega illi l-Enemalta kienu *hesitant* li jipprovduhom b'certu dokumenti. Hu jghid li l-iktar li kienu nvoluti min-naha tal-Pulizija kienu Micheal Cassar, Paul Vassallo u Angelo Gafa' izda hu kien ghen xi ftit ukoll. Madankollu, hu ma kienx komplih hu dan il-kaz. Ikkonferma illi Mifsud gie mressaq vicin tal-elezzjoni. Jghid li kienu gew mitkellma diversi nies u li sahansitra lil Farrugia kienu anke kellmuh qabel inghata l-proklama.

**PS 266 Stefan Decelis**[36] xehed nhar id-9 ta' Jannar, 2014 fejn stqarr illi kienu gew mghoddija xi apparat fosthom hard disk, USB sticks u SD cards u li x-xoghol fuqhom kien ghadu mhux konkluz.

**Eric Montfort**[37] xehed nhar id-9 ta' Jannar, 2014 in rapprezentanza tal-Enemalta u gie mitlub jipprezenta dokumenti bejn is-sena 1998 u 2003 tal-minuti tal-*Fuel Procurement Committee*. Spjega li kien hemm nieqes in-numru 406. Mistoqsi jekk fihom ikunx hemm l-attendenza tal-Bord imnizzel, hu wiegeb fl-affermattiv. Hu jghid li certu Nadia Camilleri u cioe' is-segretarja tac-*Chairman* ta' dak iz-zmien kienet ghaditlu dawn id-dokumenti.

Is-Sur Montfort[38] rega' xehed nhar it-3 t' April, 2014 fejn qal illi l-minuti bejn 387 u 400 ma setax isibhom u lanqas il-406.

Nhar is-27 t' Ottubru, 2014,[39] rega' xehed is-Sur Montfort fejn ipprezenta l-minuti tal-*Fuel Procurement Committee*, numru 389 tas-17 ta' Jannar, 2001. Hu jghid li qabel kien

---

[36] Fol. 1143 et seq tal-process.
[37] Fol. 1149 et seq tal-process.
[38] Fol. 2102 et seq tal-process.

[39] Fol. 2298 et seq tal-process.

fittex izda ma kien sab xejn u issa l-PA tac-Chairman bl-isem ta' Jannet Dogansoi pprovdietu b'dawn il-minuti.

**Dr John Seychell Navarro**[40] xehed nhar l-20 ta' Frar, 2014 fejn qal illi kien gie nominat sabiex jaghmel tfittxija ta' l-assi tal-appellat u pprezenta r-rapport tieghu.

**Il-Professur Robert Ghirlando**[41] xehed nhar it-23 ta' Gunju, 2014 fejn qal li okkupa l-pozizzjoni ta' Chairman fl-Enemalta u dan ghal tmien xhur f'1996 u mill-1999 sa 2003. Spjega li jaf lill-appellat bhala l-*Financial Manager* tal-Enemalta. Jghid li Mifsud ma kienx ikun prezenti ghal *board meetings* imma kull meta kien ikun hemm bzonn kien jikkonsultah hu. Muri fol. 44, volum numru wiehed tal-process hu jispjega illi dan id-dokument kien jirrifletti t-talba ta' Mifsud sabiex jghoddulu l-*leave* li hu ma kienx ghamel uzu minnhom sabiex ikun jista' jitlaq ftit qabel. Hu kien zammha fuq l-iskrivanija tieghu mbaghad kien lahaq telaq qabel telghet bord. Qal li c-*Chairman* ta' warajh kien Tancred Tabone.

In kontro-ezami spjega illi kien jezisti *Fuel Procurement Committee* ippresedut mid-Deputy Chairman Dr Manuel Borda. Hu ghalkemm ma kienx membru gieli kien imur ghal dawn il-laqghat. Jiftakar li kienu jittiehdu minuti izda ma jiftakarx min kien johodhom. Spjega illi l-offerti mill-bidders kienu jidhlu permezz ta' *telex machine* li kienet fl-ufficju tad-Deputy Chairman fejn kienu jsiru l-laqghat. Id-deputy chairman kellu access ghal din it-*telex machine* izda ma jafx min iktar seta' kellu access ghaliha. Ix-xhud ikkonferma illi l-offerti kienu jidhlu mill-bidders ftit taz-zmien qabel ma jigu diskussi mill-*procurment office* biex mbaghad jaraw liema minnhom jintaghzlu. Ikkonferma li suppost qabel ma tidhol dik l-offerta tal-*bidder*, il-*bidders* l-ohra l-prezz li qed joffri haddiehor ma setghux ikunu jafuh. Ikkonferma illi id-*Deputy Chairman* qatt

---

[40] Fol. 1592 et seq tal-process.
[41] Fol. 2200 et seq tal-process.

ma qallu li kien ghadda xi cavetta tal-ufficju tieghu lil Mifsud. Mistoqsi jekk qatt Mifsud prova jidetta x-xewqa tieghu fuq l-ohrajn fuq min jintghazel jew le, hu wiegeb fin-negattiv. Hu tenna li qatt ma sema xi tip ta' diskors isir fis-sens li kien hemm xi *bidder* li dik id-darba ma kienx ser jiehdu jew li dik id-darba ma kellux cans. Ikkonferma li kien hemm il-Profs Joseph Falzon u Simon Vella bhala diretturi, l-inginier John Pace u s-sur Godfrey Scicluna bhala Assistant Finance Manager. Fil-laqghat mhux necessarjament kienu jkunu prezenti kollha imma numru kbir minnhom. Dwar il-kwistjoni tal-Elf hu jghid li m'ghandux amment, izda b'referenza ghal fol. 307 u 308 tal-process hu jghid li jidher illi l-Bord kien iddecieda illi peress li l-Elf kien qed jokkupa *storage* diga kellu jinghata trattament favorevoli. Jghid li l-Enel kienu gew ghamlulhom offerta li kienet tidher tajba kemm bhala prezz u anke kwalita' u ghalhekk kienu ddecidew li jmorru ghaliha. Ikkonferma li din kienet giet diskussa fuq livell ta' bord u l-linja tal-hsieb tieghu bhala *Chairman* kienet f'dik id-direzzjoni. Hu jghid li ma jafx kif kienu jittiehdu l-minuti, madankollu jahseb li kienu japprovawhom qabel kull laqgha. Hu jghid li ma kienx jinghata kopja tal-minuti izda ma jafx il-membri l-ohra kienux jiehdu kopja. Hu kkonferma illi ghal decizjonijiet kbar kienu jehtiegu l-approvazzjoni anki Ministerjali.

**<u>Louis Giordimaina</u>**[42] xehed nhar it-23 ta' Gunju, 2014 fejn qal li kien *Executive Chairman* tal-Enemalta minn Novembru 2011 sa April 2013. B'referenza ghal fol. 43 tal-process jghid li L-Ispettur Gafa' kien baghat email lis-segretarja tieghu Claire Formosa Axiaq u kkopja lilu u talab xi korrispondenza fuq xi impjegati jew ex-impjegati tal-Enemalta u giet ipprovduta l-informazzjoni kollha lill-istess Spettur. Hu qal li ma kienx jafu lill-appellat.

[42] Fol. 2208 et seq tal-process.

**Claire Axiaq**[43] xehedet nhar il-15 ta' Settembru, 2014 fejn murija fol. 43 hija kkonfermat illi l-Ispettur Gafa' kien talab ghal *employment history* ta' Alfred Mallia u Tarcisio Mifsud. Hi kienet ghaddietomlu permezz ta' dik l-email.

**Joseph Saliba**[44] xehed nhar is-27 t' Ottubru, 2014 in rapprezentanza tal-ETC u pprezenta employment history tal-appellat.

**PL Quentin Tanti**[45] xehed nhar is-27 t' Ottubru, 2014 ghan-nom tal-MFSA fejn ipprezenta astratt tad-dokumenti registrati ta' Power Plan Limited (C18322).

**Godfrey Scicluna**[46] xehed nhar l-20 t' April, 2015 fejn qal li gie mitlub jipprezenta kopja tal-minuti li saru fl-2001 minn numru 387 sa 400. Hu jghid li kellu kopja ta' dawn il-minuti hu izda ma sabx in-numru 396. Mistoqsi kemm dam membru tal-*Fuel Procurement Committee* hu jghid li ma jafx bl-ezatt imma jahseb li sa 2003. Jghid li l-bicca l-kbira kienu jiltaqghu fl-ufficju tad-*Deputy Chairman*. Hu qal li kien stazzjonat Birzebbugia u l-laqghat kienu jsiru l-Marsa. Hu ma jafx jghid min kellu cavetta, hu kien jidhol ghax kien isibu miftuh. Jispjega li kien ikun hemm id-*Deputy Chairman*, il-*Finance Manager u Petroleum Manager.* L-offerti kienu jidhlu permezz ta' *telex machine* li kienet fl-ufficju tad-*Deputy Chairman* li kienet maghluqa go kaxxa b'cavetta u meta kien jibda l-meeting kienet tinfetah il-kaxxa u jingabru l-karti minn go fiha. Sussegwentament jigu pprezentati quddiem il-membri, jigu sorted jaghtuhom numru, jigu rrekordjati u jigu evalwati. Hu qal li ma jafx min kellu cwievet tal-kaxxa li fiha kien hemm it-telex machine. Bhala membri kienu jsiru jafu bl-offerti dak il-hin. Ma jiftakarx min kien jiftah il-kaxxa imma seta' kien id-*Deputy Chairman.* Hu kkonferma illi l-minuti tas-seduta precedenti kienu jigu moqrija fis-seduta izda ma jidhirlux li kienu jiffirmawhom. Il-

---

[43] Fol. 2124 et seq tal-process.
[44] Fol. 2140 et seq tal-process.
[45] Fol. 2142 et seq tal-process.
[46] Fol. 2344 et seq tal-process.

minuti l-bicca l-kbira kienu jsiru minn Tarcisio Mifsud u dan tal-ahhar kien jibghatlu kopja u hu kien izommha. Jghid li dejjem kienet tkun diskussjoni li jaslu ghal konsensus u ma setax jiftakar li kien hemm xi darba li ma fthemux ghaliex normalment kien jharsu lejn l-irhas wahda. Hu jghid li qatt ma kellu pressjoni minghand hadd. Hu qatt ma hass li kien hemm xi persuna li ppruvat tezercita pressjonijiet zejda fuq haddiehor. Jghid li l-appellat kien il-head tieghu billi hu kien *Assistant Finance Manager.* Hu jghid li ma jafx li qatt kellu xi problemi mal-appellat. Jghid li mieghu l-appellat qatt ma tkellem dwar George Farrugia u/jew il-kumpaniji tieghu.

**Jannet Dogansoi**[47] xehedet nhar it-12 t' Ottubru, 2015 fejn qalet li dahlet tahdem l-Enemalta f'2014 u li fil-prezent kienet tokkupa l-pozizzjoni ta' PA tac-*Chairman.* Kienet giet avvicinata mis-Sur Montfort tal-*legal office* fejn kien talabha tfittex xi minuti u cioe' m'387 sa 400. Kien qalilha li probabli ma kienet se ssib xejn ghaliex Nadia, l-PA ta' qabilha ma kienet sabet xejn. Hija kienet sabet in-numru 389 u ghaddietu lis-Sur Montfort. Hi tghid li l-ispjegazzjoni ghaliex kien hemm xi minuti neqsin ma kienux jafuha. Ta' qabilhom riedu jhalluhom u huma ma sabuhomx. Li sabet hija tghid li ghaddiethom lis-Sur Montfort.

**Tancred Tabone**[48] xehed nhar il-5 ta' Dicembru, 2016 fejn stqarr li ma kienx ser jixhed ghax kien ghad hemm proceduri ghaddejin fil-konfront tieghu.

**Frank Sammut**[49] xehed nhar is-26 ta' Gunju, 2017 fejn qal li fuq parir tal-avukat tieghu hu ghazel li ma jixhidx.

**Alfred Mallia**[50] xehed nhar is-26 ta' Gunju, 2017 fejn qal li jaghzel li ma jixhidx.

---

[47] Fol. 2409 et seq tal-process.
[48] Fol. 2447 tal-process.
[49] Fol. 2451 tal-process.
[50] Fol. 2452 tal-process.

**Tarcisio Mifsud**[51] xehed nhar it-28 ta' Frar, 2022 fejn qal li kien *Finance Manager* fi hdan l-Enemalta u dam jokkupa din il-pozizzjoni tletin sena. Jghid li mill-pulizija kienu kellmuh zgur l-ex-kummissarju Rizzo u l-kummissarju li hemm fil-prezent. Hu jiftakar illi l-pulizija kienu kellmu lil Tancred Tabone u lil Zammit. Kienu nterrogaw lilu nhar il-25 ta' Frar, 2013 u l-ghada tellawh il-Qorti. Jghid illi l-elezzjoni kienet se sehh nhar it-3 jew 6 ta' Marzu, 2013 allura dan kollu gara madwar gimgha qabel l-elezzjoni. Hu semma illi l-Profs Ghirlando li kien *Chairman* ikkonferma li hu kien talab il-*leave* tieghu f'2002 u cioe' qabel Austin Gatt lahaq Ministru u li l-offerti kienu jkunu go *fax machine* li kienet tkun msakkra u hadd ma kien jidhol qabel ma jigi d-*Deputy Chairman* li kien Noel Borda. Hu ghamel referenza wkoll ghal dak li qal Farrugia u cioe' li dejjem kien l-irhas fl-offerta tieghu, mhux minnu. Ghirlando kien ta lil Farrugia ir-*right of first refusal* darbtejn u Tancred Tabone kien taghhulu f' Dicembru 2003. Dwar tal-Enel hu spjega illi d-*direct order* kien sar bl-*approval tac-chairman* u jassumi li anke tal-Ministru. Dak iz-zmien Malta kellha *issue* b'trab iswed u l-Enel peress li kienu juzaw inqas *sulphur* fil-*fuel oil* taghhom ma kellhomx din il-problema fejn kienu joperaw.

Jghid li l-ufficju tieghu gewwa l-Enemalta kien kbir u kellu zewg bibien li dejjem kienu jkunu miftuhin, qatt ma sakkarhom. Wiehed kien ikun maghluq u iehor bejn is-segretarja u hu li kien ikun miftuh. Hu sostna li ma jiftakarx li ltaqa' ma' Farrugia qabel u jekk iltaqa' mieghu go xi tieg, dak il-hin ma qaghadx jaghti kaz min hu u min mhux. Fuq il-*Procurement Committee* kienu sitta' min-nies. Hu kien is-segretarju li kien jikteb il-minuti u l-minuti dokumentati kollha. Kien ukoll jorganizza l-Fuel and Procurement Committee. Hu ghamel dan ix-xoghol minn Gunju 1987 sa Dicembru 2003. Spjega li fuq il-bord kien ikun hemm id-*Deputy Chairman,* gieli kien ikun hemm zewg rapprezentanti tal-bord, Profs Farrugia, Simon Vella, is-Sur Pace, Freddie Mallia u l-assistant tieghu u meta kien ser jitlaq hu dahhal ukoll lill-assistant tieghu Godfrey

[51] Fol. 2519 et seq tal-process.

Scicluna. Kienu jifthu, kulhadd inizzel l-offerti u wara jara min kien l-irhas, l-*ispecifications* li kien qed joffru u jekk jaqblux ma dak li l-Enemalta kienet qed titlob. Jghid li qatt ma kellhom kwistjoni dwar min kellhom jaghzlu. Hu jinnega li Farrugia qatt ghaddielu xi flus. F'2001 kellhom 12-il *Fuel Procurement Committee* imma tnejn biss kienu fuq prodotti, f' Jannar u Marzu 2003. F'Jannar il-Profs Ghirlando tah ir-*right of first refusal* u f' Marzu, l-principali ta' Farrugia anqas biss kienu ghamlu offerta. Spjega li Mallia kien stazzjonat Birzebbugia u hu kien stazzjonat il-Marsa. Qal li fil-proceduri kontra Mallia hu ghazel li jixhed minkejja li seta' ma jixhidx peress li kien ghad hemm il-proceduri ghaddejin kontrih. Hu jghid li fl-interrogazzjoni tieghu harget illi Farrugia kien ipprovda lil Mallia bil-karozzi tat-tieg tat-tfal tieghu u ghalhekk jemmen li Mallia ma setax jghid li mhux hati. Hu jghid illi gie nvolut hu ghax kienu jafu li Mallia ser jinqabad. Jispjega li hu ma kellux x'jaqsam meta Farrugia inghata r-*right of first refusal* u dan ghaliex id-decizjoni kienet ittihdet mic-*Chairman.* Sostna illi Farrugia qatt ma mar ghandu l-ufficju. Hu dam *Financial Controller* mill-1984 sa 2005. Mistoqsi kemm kien ghamel barra Mallia, hu jghid illi dan ghamel barra minn Dicembru ta' 2000 sa Awwissu ta' 2001 u ghalhekk madwar tmien xhur. Jghid li ra lil Farrugia go l-ufficju ta' Mallia meta kien ha decizjoni kontra tieghu fir-rigward tal-losses. Dan bazikament kien hemm arrangement li Farrugia kienu jgibu prodott tad-diesel u jzommuh Has-Saptan. Wara ftit kienu jghidulu li l-prodott naqas u ghalhekk il-ftit profit li kienu ser jaghmlu kienu ser jitilfuh bhala Enemalta. Jghid li din il-kwistjoni kien dahal fiha c-*Chairman* u l-Ministru u allura hu kellu jcedi dwarha. Din bazikament jekk is-*suppliers* kienu jghidu li gabu 20,000-il tunnellata izda jirrizulta li jkun hemm inqas, hu ried li l-Enemalta thallas inqas. Jghid li hemm seta' ltaqa' ma' Farrugia ghax seta' kien mal-principali tal-kumpanija meta gew Malta sabiex jitkellmu dwar dan. Eventwalment il-Ministru kien iddecieda favur ta' Farrugia. Sussegwentament kull meta kienet issir transazzjoni ried ikun hemm *surveyor* indipendenti u mbaghad ma kienx hemm iktar *losses.* Jghid li dak iz-zmien is-segretarja tieghu kienet certu Marthese Gauci u l-pulizija ma kienux baghtu ghaliha. Ikkonferma illi lil Farrugia kienu gabuh waqt l-interrogazzjoni tieghu. Hu jsostni li qatt ma kien ha flus minghand Farrugia.

In kontro-ezami hu kkonferma illi f' 2001 il-kumpanija li jirraprezenta Farrugia nghatat ir-*right of first refusal* ghax ma kinitx l-irhas offerta. Id-decizjoni kien hadha c-chairman u kienet giet diskussa fil-bord. Ic-chairman jaghti l-istruzzjonijiet u kien qal sabiex jinghata r-*right of first refusal* ghaliex kienu qed izommu l-*fuel* taghhom f' Has-Saptan u cioe' kienu qed idahhlu *revenue* iehor l-Enemalta minghandhom. Jghid li l-kumpanija li jirraprezenta Farrugia hadu *tender* fis-16 t' Awwissu 1999 u f' Settembru l-Elf kienet hadet tender ghax kienet l-irhas. F' Settembru tas-sena ta' wara kienu hargu tender u l-Profs Ghirlando kien tah ir-*right of first refusal.* Dakinhar kien hemm disa' offerti u hu ma kienx l-irhas. F' Jannar 2001 kien hemm erba' offerti u rega' inghata r-*right of first refusal.* Sussegwentament kellu jistenna sat-18 ta' Frar 2003 sabiex jerga' jiehu tender. Mistoqsi ghamilx xi kawzi ta' malafama hu wiegeb li l-ewwel irid jispicca dan il-kaz. Jghid li bejn 1998 sa 2013, Mallia kien il-*Head of Petroleum* fi hdan l-Enemalta.

Il-Qorti rat is-sentenza esebita in atti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Ferris**[52] deciza nhar is-17 ta' Marzu 2016 minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta.

Rat illi ma gew imqajjma l-ebda eccezzjonijiet u/jew aggravji fir-rigward tal-istqarrijiet rilaxxati mill-appellat u ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tikkunsidrahom bhala prova tal-prosekuzzjoni.

**Ikkunsidrat,**

[52] Dok. TMX esebit a fol. 2553 et seq tal-process.

Illi minn ezami tal-atti, inkluz ix-xhieda kollha, jirrizulta brevement illi l-kaz jitratta dwar persuna bl-isem ta' George Farrugia li qed jallega li kien jghaddi xi flus lill-appellat sabiex ikun jista' jiehu *tenders* minghand l-Enemalta ghal xiri taz-zejt minghand kumpaniji li hu kellu u/jew kien jirraprezentahom f' Malta. Is-Sur Farrugia kien inghata proklama u xehed fil-konfront tal-appellat u fejn qal li l-ewwel kien jghaddi l-flus lil certu Alfred Mallia u meta dan tal-ahhar kellu ncident kien qallu sabiex imur ikellem lill-appellat. Farrugia jallega illi sussegwentament beda jghaddi l-flus lill-appellat. Il-prosekuzzjoni ressqet diversi provi, fosthom ix-xhieda kollha sucitati. L-appellat min-naha tieghu ghazel minn jeddhu li jaghti x-xhieda tieghu quddiem l-ewwel Qorti.

Din il-Qorti sabiex tkompli ma' dak li diga' qalet iktar kmieni f'din is-sentenza tghid illi l-grad tal-prova li mistennija tilhaq il-prosekuzzjoni hija dik ta'lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Min-naha l-ohra, l-akkuzat m'hu mistenni jressaq l-ebda prova, izda jekk jiddeciedi li jressaq xi prova il-grad li jrid jilhaq l-akkuzat huwa dak tal-probabbli. Illi mhux l-ewwel darba li din il-Qorti kellha c-cans tiddeskrivi u tispjega l-grad tal-prova tal-probbabilta' u li tfissirha bil-kelmiet '**<u>x'aktarx aktar iva milli le'</u>**. Dak huwa fil-Ligi l-probabbli. Dan hu il-livell li trid tilhaq id-difiza u cioe' hu probabbli li l-appellat vera ma kienx jafu lil George Farrugia? Hu probabbli li kif qed jghid l-appellat, dan qatt ma rcieva flus minghand Farrugia? L-appellat ikun lahaq il-livell tal-probabbli meta wara li tifli u tixtarr il-provi, il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li x'aktarx iva milli le, hekk graw l-affarijiet. Jekk il-prosekuzzjoni tilhaq il-livell tal-probabbli mhux bizzejjed, izda huwa bizzejjed meta d-difiza tilhaq dan il-grad. Jekk aktarx iva milli le l-affarijiet graw kif qalet l-appellanti, allura jezisti d-dubju dettat mir-raguni u dan ifisser li d-difiza tkun lahqet il-livell ta' prova taghha biex ixekkel il-kaz tal-prosekuzzjoni.

Ghaldaqstant sabiex din il-Qorti issib htija fl-appellat Mifsud, trid taccetta dak li xehed Farrugia, bhala x-xhud ewlieni tal-prosekuzzjoni, sal-grad rikjest mill-ligi. L-ewwel

aggravju tal-Avukat Generali huwa nfatti msejjes fuq il-kredibbilta' tax-xhud George Farrugia. Minghajr dubbju, din il-Qorti hija rinfaccata b'verzjonijiet drastikament opposti, b'mod specjali dik tax-xhud George Farrugia u l-appellat Tarcisio Mifsud. Filwaqat li Farrugia jsostni illi ghamel xi zmien jghaddi l-flus lil Mifsud sabiex jigi kkunsidrat ghat-*tenders* tax-xiri taz-zejt, Mifsud innega dan kemm fl-interrogazzjoni kif ukoll meta xehed quddiem l-ewwel Qorti. Kif diga gie ritenut iktar il-fuq, xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-verita' kif ukoll fil-gideb. Din il-Qorti ma taqbilx mal-Avukat Generali meta dan tenna li l-appellat huwa inqas kredibbli minn Farrugia ghax qisu kien mistenni li l-appellat bhala *Financial Manager* tal-Enemalta ikun jaf min hu r-rapprezentant tal-kumpanija 'Total'. L-okkupazzjoni tal-appellat ma kinitx tirrelata b'mod dirett mal-kumpaniji taz-zejt, izda kien jiehu hsieb il-finanzi tal-Enemalta. Ghaldaqstant fir-rigward ta' kreddibilta, din il-Qorti ma tistax tilqa' l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali u ghalhekk sejra tghaddi ghat-tieni aggravju li jirrigwardja l-apprezzament tal-provi.

Fir-rigward tat-tieni aggravju u cioe' dak li jirrigwardja l-apprezzament tal-provi. Din il-Qorti tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti fil-parti fejn iddecidiet illi l-appellat kien ufficjal pubbliku ai termini tal-Artikolu 115 tal-Kodici Kriminali u dan anke kif hareg bic-car mill-provi tal-prosekuzzjoni. Madankollu, sabiex jirrizulta reat taht l-Artikolu 115 tal-Kodici Kriminali jrid ikun hemm tlett rekwiziti ohrajn apparti l-fatt li l-akkuzat ikun ufficjal pubbliku. Fir-rigward tat-tieni rekwizit tal-Artikolu 115 irid jirrizulta illi l-appellat esiga xi jedd inkluz rigal li strettament seta' anke kien dovut lilu. F' dan ir-rigward din il-Qorti tghid illi l-appellat innega b'mod assollut kemm fl-istadju t'interrogazzjoni, kif ukoll meta xehed quddiem l-ewwel Qorti li hu qatt ircieva xi flejjes minghand Farrugia. Issa Farrugia xehed illi hu kien jghaddi l-flus lil Mallia fejn dan tal-ahhar kien jghidlu li ried jahseb fih u f'xi hadd iehor, madankollu Mallia qatt ma kien qallu dan il-persuna min kien. Mallia lanqas ma xehed f'dawn il-proceduri stante li kellu l-proceduri ghaddejin fil-konfront tieghu u ghalhekk kien iddecieda li

ma jixhidx. Ghaldaqstant, lanqas ma gie kkonfermat minn Mallia min kienet il-persuna l-ohra li kien jaqsam il-flus maghha.

Di piu', kif diga' gie ritenut, l-appellat nnega li qatt ircieva xi flus minghand Farrugia, wara li Mallia kellu l-incident stradali. Min-naha l-ohra ix-xhud Farrugia qieghed jghid l-oppost u li sahansitra darba' minnhom ghaddha lill-appellat envelope bi Lm3000. Meta ghaddielu dawk il-flus qallu wkoll illi dik id-darba Farrugia u /jew il-kumpaniji tieghu ma kienux ser jiehdu it-*tender* u meta saqsih ghaliex hu wiegeb li kien ikun ahjar hekk. Din il-Qorti fliet dak li qalu xhieda u anke kif kienu jidhlu t-*tenders* permezz tal-magna telex li kienet tkun imsakkra fil-kamra tad-deputy chairman. Fliet ukoll fejn ix-xhud George Farrugia qal li kellu jhallas inkella kien jispicca jinqata' barra anke jekk kien ikollu l-ahjar offerta. Farrugia jghid ukoll illi jahseb li kien hemm it-theddid li jekk ma jhallasx iwaqqghu l-kuntratti. Min-naha l-ohra xhud bhal Godfrey Scicluna li kien l-*assistant financial manager* xehed li dejjem kienet tkun diskussjoni li jaslu ghal konsensus dwar *tender* u ma setax jiftakar li kien hemm xi darba li ma fthemux ghaliex normalment kien jharsu lejn l-irhas offerta. Hu jghid li qatt ma kellu pressjoni minghand hadd. Scicluna sostna li qatt ma hass li kien hemm xi persuna li ppruvat tezercita pressjonijiet zejda fuq haddiehor. Il-Profs Ghirlando meta mistoqsi jekk qatt Mifsud prova jidetta x-xewqa tieghu fuq l-ohrajn fuq min jintghazel jew le, hu wiegeb fin-negattiv. Hu tenna li qatt ma sema xi tip ta' diskors isir fis-sens li kien hemm xi bidder li dik id-darba ma kienx ser jiehdu jew li dik id-darba ma kellux cans.

Meta ghandha quddiemha zewg verzjonijiet u cioe' dik ta' George Farrugia bhala x-xhud principali tal-prosekuzzjoni u tal-appellat, li huma drastikament opposti, din il-Qorti sabiex tiskopri l-verita' storika kellha bilfors tifli b'reqqa dak li qalu x-xhieda l-ohra. Mill-punti li ccitat fil-paragrafu ta' qabel dan u cioe' tal-mod ta' kif kienu jidhlu t-*tenders* u l-mod ta' kif xehedu membri li kienu jkunu fuq il-bord bhal Scicluna, din il-Qorti ssibha difficli temmen lil Farrugia aktar mill-appellat. Oltre minn hekk, din il-Qorti thoss illi ghandha tissottolinja l-punt illi certu xhieda importanti, fosthom li

kienu jkunu fuq il-bord flimkien mal-appellat ma ngabux sabiex jixhdu fosthom Simon Vella, l-Inginier Pace u d-deputy chairman Manuel Borda. Lanqas ma ngghabet sabiex tixhed is-segretarja li kellu l-appellat dak iz-zmien u cioe' Marthese Gauci. Din tal-ahhar setghet facilment tikkonferma jew tinnega dak li qal l-appellat dwar kif kien ikun l-ufficju tieghu u jekk fil-fatt kienux jiffrekwentawh nies waqt il-hin tal-ufficju. Lanqas ma ngabu sabiex jixhdu l-ahwa ta' Farrugia, li l-ex-Kummissarju Rizzo qabel telaq qal li kienu fil-process sabiex jigu mitkellma. Din il-Qorti taqbel ukoll mal-ewwel Qorti fuq il-punt illi l-prosekuzzjoni setghet ukoll iggib prova ta' telefonati skambjati bejn Farrugia u l-appellat, izda dan ma sarx.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qabel tavvanza sabiex tara jekk jirrizultawx l-elementi l-ohra sabiex ikun hemm reat taht l-artikolu 115 tal-Kodici Kriminali, trid temmen illi filfatt l-appellat ircieva rigal minghand Farrugia. Kif diga' gie ritenut, il-livell tal-prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hija dik ta' 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Din il-Qorti ghandha dubji serji dwar dak li xehed ix-xhud Farrugia u ma thossx illi l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad tac-certezza morali illi l-appellat bhala ufficjal pubbliku accetta xi rigali sabiex bis-sahha tal-kariga li hu kien jokkupa jaghti vantagg lil Farrugia.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud fl-intier tieghu u d-decizjoni appellata kkonfermata.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**